ATTI LI L-PUBBLIKAZZJONI TAGĦHOM MHIJIEX OBBLIGATORJA

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2009/159/EU

tas-16 ta' Diċembru 2009

li temenda, għall-fini tal-adattament mal-progress tekniku, l-Anness III mad-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE rigward prodotti kożmetiċi

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-prodotti kożmetiċi [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tagħha,

Wara konsultazzjoni mal-Kumitat Xjentifiku dwar is-Sikurezza tal-Konsumatur,

Billi:

(1) Skont l-istrateġija ta' valutazzjoni tas-sikurezza għal sustanzi taż-żebgħa tax-xagħar, kien hemm qbil mal-Istati Membri u l-partijiet interessati li d-data tal-31 ta' Diċembru 2007 tkun xierqa għall-preżentazzjoni lill-Kumitat Xjentifiku dwar is-Sikurezza tal-Konsumatur (KXSK) tad-dejta xjentifika dwar il-prodotti ta' reazzjoni magħmula minn sustanzi taż-żebgħa tax-xagħar ossidativi fuq il-qurriegħa u s-sigurtà tagħhom għall-konsumatur.

(2) Bħalissa, hemm 31 sustanza taż-żebgħa li huma provviżjorjament permessi għall-użu fi prodotti kożmetiċi sal-31 ta' Diċembru 2009 skont ir-restrizzjonijiet u l-kundizzjonijiet stipulati fil-Parti 2 tal-Anness III mad-Direttiva 76/768/KEE. Id-dejta xjentifika mitluba dwar is-sikurezza ta' prodotti ta' reazzjoni magħmula minn sustanzi taż-żebgħa tax-xagħar ossidativi ntbagħtu mill-industrija tal-kożmetiċi lill-KXSK qabel id-data maqbula tal-għeluq tal-31 ta' Diċembru 2007.

(3) Id-dejta dwar sikurezza mibgħuta ġiet ivvalutata mill-KXSK. F'Jannar 2009, il-KXSK ikkonkludiet fl-opinjoni tagħha li mhix fil-pożizzjoni li tivvaluta b'mod finali r-riskju tal-prodotti ta' reazzjoni ta' żebgħat tax-xagħar ossidativi minħabba li l-fajl mibgħut mill-industrija ma kienx komplut. L-industrija tal-kożmetiċi pprovdiet id-dejta nieqsa mill-aħħar ta' Settembru 2009.

(4) Fid-dawl ta' li ntqal fuq, il-valutazzjoni tar-riskju tad-dejta addizzjonali li ntbagħtet u l-opinjoni finali mogħtija mill-KXSK dwar is-sikurezza tal-prodotti ta' reazzjoni xorta se jeħtieġu perjodu ta' żmien li jaqbeż id-data tal-għeluq provviżorja tal-31 ta' Diċembru 2009 għas-sustanzi elenkati fil-Parti 2 tal-Anness III.

(5) Għalhekk, ir-regolament definittiv ta' 31 sustanza taż-żebgħa tax-xagħar elenkati fil-Parti 2 tal-Anness III, fuq il-bażi tal-valutazzjoni tar-riskju tal-prodotti ta' reazzjoni tagħhom, u l-implimentazzjoni tagħha fil-liġijiet tal-Istati Membri mhux se jseħħu qabel id-data tal-għeluq provviżorja. Għaldaqstant, l-użu provviżorju tagħhom fi prodotti kożmetiċi skont ir-restrizzjonijiet u l-kundizzjonijiet stipulati fil-Parti 2 tal-Anness III għandhom jiġu estiżi. Id-data tal-għeluq prolongata l-ġdida sal-31 ta' Diċembru 2010 titqies li hi biżżejjed għar-regolamentazzjoni definittiva ta' dawn is-sustanzi.

(6) Id-Direttiva 76/768/KEE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.

(7) Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Kożmetiċi,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Amenda lid-Direttiva 76/768/KEE

Fin-numri ta' referenza 3, 4, 5, 6, 10, 11, 12, 16, 19, 20, 21, 22, 25, 26, 27, 29, 31, 32, 33, 34, 35, 36, 37, 38, 39, 44, 48, 49, 50, 55 u 56 tal-kolonna g fil-Parti 2 tal-Anness III tad-Direttiva 76/768/KEE, id-data "31.12.2009" hija mibdula b'"31.12.2010".

[1] ĠU L 262, 27.9.1976, p. 169.

Artikolu 2

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2009, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

Huma għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Jannar 2010.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'tali referenza fil-ħin tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Id-dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak li fih tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2009.

Għall-Kummissjoni
José Manuel BARROSO
Il-President